



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.10.2024
COM(2024) 446 final

2024/0245 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar it-terminazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-
Repubblika tal-Kamerun dwar il-governanza tal-infurzar tal-liġi fis-settur forestali u l-
kummerċ tal-injam u l-prodotti derivati lejn l-Unjoni**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-infurzar tal-liġi, il-governanza u l-kummerċ fis-settur forestali (FLEGT)¹ ġie adottat fl-2003. Għandha l-għan li tappoġġa l-isforzi globali fl-indirizzar tal-problema tal-qtuġh illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ assoċjat miegħu. Aspett ewlieni tal-pjan ta' azzjoni FLEGT kien il-konklużjoni ta' ftehimiet ta' sħubija volontarja (voluntary partnership agreements, VPAs) bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-pajjiżi li jipproduċu l-injam sabiex jiġi stabbilit qafas legali li jiżgura li l-injam kollu esportat lejn l-UE jkun ġie prodott jew akkwistat legalment. Fil-qalba tal-VPA hemm l-iskema ta' liċenzjar FLEGT, li tinkludi sistema li tivverifika, tiżgura u tiċċertifika l-legalità tal-injam.

Il-VPA bejn l-UE u r-Repubblika tal-Kamerun daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2011. Il-partijiet impenjaw ruħhom li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jimplimentaw l-iskema ta' liċenzjar FLEGT, filwaqt li jaqblu ma' skeda ta' implimentazzjoni li tiffirma parti integrali mill-VPA (l-Anness IX). F'konformità ma' din l-iskeda, l-iskema ta' liċenzjar kienet mistennija li tkun fis-seħħ fi żmien 5 snin mir-riforma tal-qafas legali, it-titjib tas-sistemi ta' kontroll nazzjonali u l-istabbiliment tas-sistemi ta' verifika tal-legalità u ta' traċċabbiltà, li kienu kollha mistennija li jitlestew fi żmien 3-4 snin. Ir-Repubblika tal-Kamerun stabbiliet perjodu ta' żmien ambizzjuż bħal dan biex tindika d-determinazzjoni politika tagħhom, tikkonsolida l-momentum fost l-atturi rilevanti kollha u timmobilizza r-riżorsi meħtieġa biex timplimenta l-VPA.

Għaddew 13-il sena mid-dħul fis-seħħ tal-VPA; madankollu, l-iskema ta' liċenzjar FLEGT għadha trid tibda², li jfisser li l-VPA mhux operattiv. Id-determinazzjoni politika tal-Kamerun naqset, u affettwat l-implimentazzjoni tal-VPA u l-impenn tar-Repubblika tal-Kamerun li tissodisfa l-objettivi tiegħu, b'mod partikolari l-ħruġ ta' liċenzji FLEGT. Ir-riforma tal-qafas legali għadha ma tlestietx, u l-qtuġh tas-siġar għadu jsir parzjalment fuq il-bażi ta' titoli żgħar tal-qtuġh tas-siġar (*ventes de coupe*) li ma jeħtiġux pjanijiet ta' ġestjoni. Is-sistemi ta' kontroll nazzjonali mhumiex operazzjonali³, u għalhekk l-infurzar u l-governanza jibqgħu dgħajfa, u b'hekk ikun possibbli li l-operazzjonijiet ta' qtuġh illegali u mhux sostenibbli jkomplu. L-iżvilupp tal-modulu tal-verifika tal-legalità fis-sistema ta' traċċabbiltà għadu pendent, u l-progress żgħir li sar s'issa ma ġiex awditjat b'mod indipendenti biex jgħin fil-bini ta' ċertezza dwar il-kredibbiltà tiegħu.

L-isfruttament tal-foresti u l-qtuġh tas-siġar għall-injam jibqgħu settur ekonomiku importanti għar-Repubblika tal-Kamerun, u mhux faċli li jiġi żgurat li l-prattiki jkunu legali u sostenibbli. Kien hemm bosta investigazzjonijiet⁴, li rrapportaw dwar l-istat ħażin li fih jinsab is-settur tal-foresti, li involva kumpaniji privati, kemm barranin kif ukoll nazzjonali, u partijiet

¹ COM(2003) 251.

² Rieżami Konġunt tal-2024 tal-VPA.

³ Rieżami Konġunt tal-2024 tal-VPA.

⁴ [CIFOR ICRAF VPA synthesis report](#) u [Tainted Timber, Tarnished Temples – EIA Global \(eia-global.org\)](#)

ikkonċernati pubbliċi, fil-kummerċ illegali tal-injam li jiġġenera miljuni ta' dollari. Sadanittant, intilfu 900 000 ettaru ta' kopertura forestali bejn l-2011 u l-2022, li jirrappreżentaw 5 % tal-kopertura tal-foresti tal-pajjiż matul dan il-perjodu.

Ir-Repubblika tal-Kamerun ma rnexxilhiex tissodisfa bis-sħiħ l-obbligi tal-VPA tagħha matul dawn l-aħħar 10 snin u l-governanza tas-settur tal-foresti marret għall-aġħar minkejja l-eżistenza tal-VPA.

L-esportazzjonijiet tal-injam tar-Repubblika tal-Kamerun qalbu wkoll għas-swieq Asjatiċi, u b'hekk naqqsu l-inċentiv ekonomiku tal-VPA, u konsegwentement ir-rilevanza tal-liċenzja FLEGT.

Sadanittant, 20 sena wara l-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni FLEGT, l-UE żiedet l-azzjoni tagħha biex tipproteġi u tirrestawra l-foresti tad-dinja⁵, billi adottat ir-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni⁶ biex timminimizza l-kontribut tal-UE għall-qtuġħ illegali tas-siġar għall-injam, id-deforestazzjoni, u d-degradazzjoni tal-foresti, kif ukoll l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u t-telf tal-bijodiversità. F'dan il-kuntest ta' politika ġdid tal-UE, ir-rwol komplementari tal-VPAs fir-rigward tal-qtuġħ illegali tas-siġar għall-injam huwa rikonoxxut u l-injam kopert minn liċenzja FLEGT jitqies li jikkonforma mar-rekwiżiti ta' legalità fil-Premessa 81 u fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE)2023/1115. Fl-istess ħin, filwaqt li tibni fuq il-kontroll tal-idoneità tar-Regolament FLEGT tal-UE⁷ kif infurmat mill-implimentazzjoni tal-VPAs, inkluż il-VPA mar-Repubblika tal-Kamerun, il-premessa 81 tar-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni tirrikonoxxi l-impenji bilaterali li għaddejjin bħalissa u tistieden lill-UE "...taħdem, fejn rilevanti u maqbul, mas-sħab attwali tal-VPA biex jilħqu dak l-istadju (liċenzjar FLEGT)...". Ir-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni jerġa' jiffoka sew fuq l-oġġettiv tal-VPAs, jiġifieri l-iskema ta' liċenzjar FLEGT, billi jagħmilha ċara li l-ħidma mas-sħab tal-VPA tista' tkompli jekk rilevanti⁸, fi kliem ieħor jekk il-VPA jkun fit-triq it-tajba biex jilħaq l-oġġettivi tiegħu u jekk dawn l-oġġettivi jibqgħux jirriflettu l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet attwali u futuri.

L-istat ta' implimentazzjoni tal-VPA tal-Kamerun matul l-aħħar 10 snin jindika li l-oġġettivi tal-VPA u speċjalment il-liċenzjar FLEGT ma jirriflettux l-approċċ politiku tar-Repubblika tal-Kamerun għas-settur. Il-kontinwazzjoni tal-VPA minkejja dawn l-isfidi tista' taffettwa l-kredibbiltà tal-UE bħala promotur globali tal-kwistjonijiet tal-protezzjoni tal-foresti u tal-bijodiversità u l-integrità tal-VPAs bħala strumenti kummerċjali tal-UE.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, it-terminazzjoni tal-VPA mar-Repubblika tal-Kamerun tidher l-aktar azzjoni xierqa. Skont l-Artikolu 27 tal-VPA, dan jiġġedded b'mod taċitu kull 7 snin, sakemm Parti minnhom ma titterminahx billi tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-deċiżjoni tagħha mill-inqas 12-il xahar qabel l-iskadenza tal-perjodu attwali ta' seba' snin. Il-perjodu attwali

⁵ COM(2019)352 final.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2023/1115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, ĠU L 150, 9.6.2023, p. 206.

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea, ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1.

⁸ Il-Premessa 81 tar-Regolament (UE) Nru 2023/1115.

ta' seba' snin jiskadi fit-30 ta' Novembru 2025. Minkejja l-Artikolu 27, kull Parti tista' ttejjem il-VPA billi tinnotifika lill-Parti l-oħra, f'konformità mal-Artikolu 28 tal-VPA. Il-VPA jiġi tterminat 12-il xahar wara dik in-notifika.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-proposta hija konsistenti mar-Regolament (UE) 2023/1115 li jirrikonoxxi l-impenji bilaterali li għaddejjin u tistieden lill-UE (il-Premessa 81) biex "... taħdem, fejn rilevanti u maqbul, mas-sħab attwali tal-VPA biex jilhqqu dak (liċenzjar FLEGT)...". Minħabba li f'it hemm prospett reali li tiġi stabbilita sistema ta' liċenzjar FLEGT, il-VPA ma jissodisfax ir-rekwiżit ta' "rilevanza" fil-premessa 81 tar-Regolament (UE) 2023/1115. Għalhekk, it-terminazzjoni tal-VPA tidher li hija l-aktar azzjoni xierqa biex tikkontribwixxi aħjar għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni u biex tippreserva l-kredibbiltà u l-integrità tal-VPA bħala strument kummerċjali tal-UE.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

mhux applikabbli

2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

Id-Deċiżjoni tal-UE li ttejjem ftehim internazzjonali trid tiġi adottata fuq l-istess bażi legali – u bl-istess proċedura – bħad-deċiżjoni li jiġi konkluż dak il-ftehim f'isem l-UE. Il-VPA ġie konkluż abbażi tal-Artikolu 207(3) u 207(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), moqrija flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u l-Artikolu 218(7) TFUE. Il-bażi legali xierqa għal din il-proposta hija għalhekk l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, moqri flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-VPA huwa ftehim kummerċjali internazzjonali li għalhekk jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE u, b'mod partikolari, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 207 TFUE. Id-Deċiżjoni tal-UE li ttejjem il-VPA trid tiġi adottata fuq l-istess bażi legali. Għalhekk jirriżulta li din il-proposta ma tkopri l-ebda materja li taqa' barra mill-kompetenza esklussiva tal-UE.

- **Proporzjonalità**

Minħabba li f'it hemm prospett reali li tiddaħħal fis-seħħ skema ta' liċenzjar FLEGT, it-terminazzjoni tal-VPA hija l-aktar mod xieraq ta' azzjoni. Din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv segwit, li huwa li jikkontribwixxi aħjar għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni u li jirrestawra l-kredibbiltà u l-integrità tal-VPA bħala strument kummerċjali tal-UE.

- **Għażla tal-istrument**

Id-Deċiżjoni tal-UE li ttejjem ftehim internazzjonali trid tiġi adottata fuq l-istess bażi legali u permezz tal-istess strument legali bħad-deċiżjoni li jiġi konkluż dak il-ftehim f'isem l-UE. Il-VPA ġie konkluż b'Deċiżjoni tal-Kunsill bil-kunsens tal-Parlament Ewropew. L-istrument xieraq għal din il-proposta huwa għalhekk Deċiżjoni tal-Kunsill mill-Kunsill.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

mhux applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

It-terminazzjoni tal-VPA mar-Repubblika tal-Kamerun ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

mhux applikabbli

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

mhux applikabbli

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar it-terminazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-
Repubblika tal-Kamerun dwar il-governanza tal-infurzar tal-liġi fis-settur forestali u l-
kummerċ tal-injam u l-prodotti derivati lejn l-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Mejju 2003, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titolu "Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT): Proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE" li għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-isforzi globali biex jiġi indirizzat il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ assoċjat miegħu⁹. Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tiegħu dwar il-pjan ta' azzjoni FLEGT fit-13 ta' Ottubru 2003¹⁰ u l-Parlament Ewropew adotta r-riżoluzzjoni tiegħu dwar is-suġġett fil-11 ta' Lulju 2005¹¹.
- (2) Element ċentrali tal-pjan ta' azzjoni kien il-konklużjoni ta' ftehimiet ta' sħubija volontarja (VPAs) ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam biex jiġi żgurat li l-injam u l-prodotti tal-injam esportati lejn l-Unjoni Ewropea jiġu prodotti u akkwistati legalment.
- (3) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/200/UE¹², il-VPA bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċ fl-injam u fil-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT) ġie ffirmat fis-27 ta' Settembru 2010.
- (4) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/201/UE¹³, il-VPA ġie konkluż f'isem l-Unjoni Ewropea u wara l-konklużjoni tiegħu mir-Repubblika tal-Kamerun daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2011.
- (5) Skont l-Artikolu 27 tal-VPA, dan għandu jibqa' fis-seħħ għal 7 snin u għandu jiġġedded bi ftehim taċitu bejn il-Partijiet għal perjodi tal-istess tul, sakemm Parti waħda ma titterminax billi tinnotifika lill-Parti l-oħra bid-deċiżjoni tagħha mill-inqas 12-il xahar qabel ma jiskadi l-perjodu inkwistjoni. Il-VPA ġġedded b'mod taċitu fl-1 ta' Diċembru 2018 u l-perjodu attwali jiskadi fit-30 ta' Novembru 2025.

⁹ COM/2003/0251 final.

¹⁰ ĠU C 268, 7.11.2003, p. 1.

¹¹ ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 482.

¹² ĠU L 92/1, 6.4.2011.

¹³ ĠU L92/3, 6.4.2011.

- (6) Minkejja l-isforzi tal-UE, ir-Repubblika tal-Kamerun ma setgħetx tissodisfa l-obbligi tagħha taħt il-VPA, jiġifieri fir-rigward tal-istabbiliment tal-iskema ta' liċenzjar FLEGT bl-għan li tivverifika u tiċċertifika permezz ta' liċenzja FLEGT li l-injam u l-prodotti derivati esportati lejn l-Unjoni Ewropea jiġu prodotti jew akkwistati legalment. Minħabba li r-Repubblika tal-Kamerun ma ssodisfatx l-obbligi skont il-VPA, il-Kummissjoni temmen li l-VPA ma għadux jissodisfa r-rekwiżit ta' "rilevanza" fil-premessa 81 tar-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni.
- (7) Għalhekk huwa xieraq li l-VPA mar-Repubblika tal-Kamerun jiġi tterminat. Għal dan l-għan, f'konformità mal-Artikolu 27 tal-VPA, jenħtieġ li l-Unjoni Ewropea tinnotifika lir-Repubblika tal-Kamerun bid-deċiżjoni tagħha li ttemm il-VPA sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2024, sabiex ma tiġġeddidx b'mod taċitu.
- (8) Jenħtieġ li t-terminazzjoni tal-VPA tiġi approvata f'isem l-Unjoni Ewropea.
- (9) F'konformità mat-Trattati, hija l-Kummissjoni li għandha tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, biex tinnotifika, kif jgħid l-Artikolu 27 tal-VPA, id-deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea li ttemm il-Ftehim.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-terminazzjoni tal-VPA bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u l-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2011 hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President